MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 344/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Sammut)**
**(Spt. B. Spiteri)**
**Vs**
**Joseph Storace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Mejju, 2008, ghall-habta ta' 20.45 hrs, gewwa Misrah Lourdes, San Gwann, ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Aristea Gauci hekk kif iccertifika Dr. Valerio Vella MD mill-Gzira Health Centre.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Novembru, 2008, li biha ddecidiet li l-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-kaz taghha skond il-ligi w allura lliberat lill-appellant mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta’ Novembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti interpretat u applikat hazin l-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali. L-Ewwel Qorti qalet li l-incident ma garax f' Misrah Lourdes, cioe' fil-pjazza w barra mill-istess bini izda kif jirrizulta mix-xhieda f' kamra bin-numru ghaxra (10) tal-bini tal-knisja tal-lokal. Qalet ukoll li l-prosekuzzjoni ma kkorregietx l-izball li kien hemm fic-citazzjoni. Invece, illum hu pacifiku li c-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u d-data li jigu ndkati lilu. Ghalhekk ic-citazzjoni ma hix bazi tal-akkuza bhal ma hu l-kaz tal-att tal-akkuza quddiem il-Qortri Kriminali. Illi inoltre fic-citazzjoni kien hemm indikazzjoni tal-lok tal-incident u l-appellat seta' jipprepara ruhu sabiex jiddefendi ruhu kontra l-imputazzjoni dedotta.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2009;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi mismugha jirrizulta ampjament li fis-16 ta' Mejju, 2008 ghall-habta ta' 20.45 pm, wara li kien spicca kuncert tal-koristi, gol-kunvent tal-patrijiet Kapuccini li hemm mal-Knisja parrokkjali ta' San Gwann, l-appellat li

kien wiehed mill-koristi, intercetta lill-korista ohra, Aristea Gauci, hebb ghaliha w, bhala rizultat tal-fatt li qabadha minn idejha w gibidha, kkagunalha offiza ta' natura hafifa. Dan jirrizulta kemm mix-xiehda ta' Aristea Gauci kif ukoll minn dik ta' uhud minn dawk prezenti w cioe' Connie Caruana w Myriam Mamo, kif ukoll mill-Affidavit ta' Dr. Valerio Vella Catalano a fol. 8 tal-process. Dan l-incident gara f' Room 10 tal-kunvent u barra l-istess kamra. L-appellat ma xehedx la quddiem l-Ewwel Qorti w lanqas fl-istadju tal-appell.

Illi huwa minnu pero' li fil-komparixxi notifikata lill-appellat il-post tal-incident gie indikat bhala ***"gewwa Misrah Lourdes, San Gwann"*** biss u ma ssemmiex la l-kunvent u lanqas il-kamra numru 10 tal-istess kunvent.

Minhabba dan in-nuqqas ta' precizazzjoni fil-komparixxi, l-Ewwel Qorti deherilha li kellha tillibera lill-appellat. Dan ghaliex kif qalet :

*"..dan ma giex korrett u l-procedura, nonostante din ir-rizultanza kompliet titmexxa bla intopp."*
*"Illi bhal ma rrizulta seduta stante, ovvjament irrizulta l-istess lill-ufficjali investigattivi li allura zbaljaw - jekk hux volutament - mhux saput, bl-imputazzjoni kif minnhom inkwadrata…."*
*"illi hu ovvju, bhal ma anki kellha l-okkazzjoni tosserva f' hafna okkazzjonijiet ohra, li dan hu zball li l-prosekuzzjoni tiehu f' diversi kawzi."*
*"Ghaldaqstant il-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-kaz taghha skond il-ligi u allura tillibera lill-imputat mill-akkuza dedotta kontra tieghu."*

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti, ghalkemm tifhem u tissimpatizza mal-Ewwel Qorti li tista' tkun vessata b' imprecizjonijiet simili da parti tal-prosekuzzjoni fl-abbozzar ta' citazzjonijiet notifikati lill-imputati li jidhru quddiemha, mill-banda l-ohra ma tarax li f' dan il-kaz dan in-nuqqas ta' precizazzjoni kellu jwassal ghall-liberazzjoini tal-appellat.

L-ewwel nett bhala fatt ma kien hemm xejn zbaljat fid-dicitura tal-lokalita' fejn sehh l-incident ghax hu minnu li dan gara f' post li kien f' **<u>Misrah Lourdes, San Gwann</u>**, kif indikat fil-komparixxi. Din l-indikazzjoni kellha tkun bizzejjed biex flimkien mad-data li hija korretta w l-hin, inebbhu sew lill-appellat ghall-liema incident kienet qed tirriferi l-akkuza dedotta kontra tieghu. U ghalkemm ma kien ikun hemm xejn hazin kieku ssemma ukoll *"fil-kunvent tal-Knisja Parrokkjali",* zgur li ma kienx hemm bzonn li jigi indikat ukoll in-numru tal-kamra "10" . Hekk bhal meta ikun hemm incident go dar privata, ma jkunx hemm bzonn li tigi indikata il-kamra, hux tal-ikel jew tas-sodda, fejn ikun gara l-incident, biex jigi indentifikat il-lok.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. Emmanuel Buttigieg**” [4.11.1994] ;-

*“ …..wara l-introduzzjoni ta’ l-inciz (2) ta’ l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, li bih ic-citazzjoni ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta’ l-akkuza, bil-partikolaritajiet opportuni ta’ zmien u l-lok, ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita’ taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini tal-praticita’ u ta’ evitar ta’ telf ta’ zmien, u cioe’ biex l-imputat x’hin jidher quddiem il-Qorti, ikun jaf fuq hiex ikun gie mharrek, u hekk dak in-nhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta. L-imputazzjoni fil-kawzi sommarji hija dedotta kontra l-imputat proprjament u verament quddiem il-Qorti .* " (ara wkoll : App. Krim. **"Il-Pulizija vs Martin Brincat"** [3.4.2003] u ohrajn)

Hekk ukoll iddecidiet din il-Qorti preseduta mill-Prim' Imhallef Dr. V. De Gaetano fil-kawza : **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [5.8.2003] meta rriteniet li anki jekk l-imputazzjonijiet ma jkunux redatti bl-aktar mod felici u r-riferenza ghall-post …ma tkun xejn cara, dan ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew inputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun.

Issa fil-kaz odjern ghar-rigward tal-lok jissemma li l-incident gara go Misrah Lourdes, San Gwann li hija l-pjazza li tiffronteggja l-edificcju fejn gara l-incident. Issa kullhadd jaf li f' dan il-misrah hemm il-knisja w il-kunvenut anness maghha ahseb w ara l-appellat li, bhala membru tal-kor tal-istess knisja, kien jattendi f' dak il-post regolarment. Ghalhekk jidher li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni kien ikun bizzejjed biex l-appellat ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-vot tal-ligi dwar ir-rekwiziti tac-citazzjoni gie sodisfatt f'dan il-kaz. Lanqas ma hemm xi difett fil-komparixxi ghax ma gietx indikata il-kamra fil-kunvent fejn gara l-kaz ghax dan mhux rikjest mil-ligi.

Konsegwentement l-Ewwel Qorti - forsi ghax riedet taghti tbezbiza lill-prosekuzzjoni ghal xi nuqqas ripetut fil-kawzi tad-distrett li kienet qed tirriskontra - interpretat zbaljatament il-ligi w lliberat meta mill-provi li nstemghu quddiem din il-Qorti - w li prezumibbilment kienu l-istess li nstemghu quddiemha - kellha tirrizulta ampjament il-htija tal-appellat ghall-akkuza dedotta kontra tieghu w li hu ma kkontradiciex.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata w minnflok, wara li rat l-artikolu 221 (1) tal-Kodici Kriminali w wara li qieset il-kondotta incensurata tal-appellat, issib lill-appellat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w wara li rat ukoll l-art. 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------